Hekku jien

(1)

Qisinni Belżebub

Qiegħed hawn għaxqett nigħaraft
x'inhu id-dnub
U kull darba li ndimt
It-tuffieħa ergajt gdimt
Tà kemm qlajt issa laqqmuni
Belàzbub.

(2)

Jien Mefisto magħruf hawn
għall-ħdura tiegħu,
~~E~~ Tal-ħajjen ~~din~~ is-siegħa m'għandix
bżonn aktar friegħi
~~A~~ Għal ~~kemm għanoti~~ kull wieħed minda' sulgħajn
miljun
~~B.l~~ mitt kastant jit-tajn
Infilu nogra o hawn u
qawdu miegħi!

(4)

Kien xitan bla isem għax
għadni ġdida
Iżda għandi l-dawn it-tlieta
jagħmluli ta' gwida.

1 Għalkemm mhux imħalsin
Dawn kemm jaħdmu ħerqanin

(Others) = U tant naħdmu li ma
jistgħux ilaħħqu ~~maqtuna~~
idha.

(3) Kiena Satana kull ħadd jobdini
biss.
Nieħu ħsieb l-iktar mid-dinja
biss
Kastig xieraq ngħatik
U bla nifs inħallik
Hawn jaħarqek l-aktar fejn
tħobb tmiss.

# IL-GWARDAROBBA TAR-RE

Tliet HAJJATA jkunu qeghdin jitghażżnu sieq fuq sieq; ipejpu s-sigarri, ecc.

Jidħol NARRATUR.

NARRATUR — Hafna snin ilu kien ighix wieħed re.

Miskin, minn ckunitu kien daqsxejn ce.

Kellu minn kollox; deheb, nisa w flus,

Imma wara min taħsbu kien dejjem isus?

Wara hadd ħlief il-ħajjata tiegħu,

imsieken, dejjem imdawrin miegħu.

Jidħol ir-RE. Il-HAJJATA jqumu jigru kif jilmħuh.

NARRATUR — Ma jrabbix l-għaqal, isib waħda w jtejjeġ,

Mhux mohhu biss biex ibiddel il-ħwejjeġ....

Ir-RE jwaqqfu.

RE — Daqshekk ghalissa. (lill-HAJJATA) X'hemm ġdid?

HAJJAT 1 — Hares Majesta, agħżel li trid.

4 — Ara Majesta kollu xogħol ġdid

HAJJAT 2 — Tgħaxxaq b'dil-libsa l-ġmiel tagħha.

HAJJAT 3 — M'hawnx oħra fid-dinja xi tqabbel magħha.

RE — Ġibuhieli ħa naraha,

U jekk togħġobni nippruvaha.

Il-HAJJATA jmorru jġibuha. Jiġġieldu fuqha. Jifthuha.

Joqogħdu warajha. Tidher rashom biss.

RE — U jekk m'għamiltulix xogħol sew,

Tafu x'se jsir minnkom, hux tassew.

Kollha jħossu għonqhom. Iwaqqgħu l-libsa. Jiġbruha.

Iduru miegħu biha.

HAJJAT 1 4 — L-għażla tad-drapp kienet f'idi Majesta.

4 — Qiegħ kittlek il-faili, Majesta.

HAJJAT 2 C Jien ħadt ħsieb it-tifsila, dalwaqt tkun lesta.

HAJJAT 3 A Xogħli kien it-tqabbil tal-kuluri.

Il-HAJJATA ilibbsuhielu malajr.

RE Ġibhuli l-mera. (juruh fil-mera) Donnhom jidhru ftit skuri.

HAJJAT 1 Oh xi ġmiel ....

4 Oh xi ħlew

HAJJAT 2 Oh x'għaxqa .....

HAJJAT 3 Oh x'eleganza ....

4

Il-HAJJATA jiftaħru bejniethom.

HAJJAT 1 Harsu naqra lejn id-drapp fin.

4 Dak mhux drapp, dak ħarir fin.

HAJJAT 2 Araw x'tifsila, x'jidhirlek ġbin.

HAJJAT 3 U l-kuluri, x'ma jibbrillawx kull ħin.

4

Ir-RE jiddandan biha.

HAJJAT 1 Kemm toqgħodlok imdendla sabiħ. (ir-RE jqaħqaħ)

4 Iktar ma tilbes, iktar tisbiħ.

HAJJAT 2 Majesta xi ġralek, jaqaw ħadt xi riħ?

HAJJAT 3 U x'riħ riħ, dak l-eccitament qed jagħmel bih.

HAJJAT 1 Oh xi ġmiel ....

4 Oh xi ħlew

HAJJAT 2 Oh x'għaxqa .....

HAJJAT 3 Oh x'eleganza ....

Ikomplu jirrepetu dal-kliem sakemm ir-RE jwaqqafhom.

RE Ix-xogħol tal-lum aħjar minn tal-bieraħ,

Imm'issa aqtgħu ftit dal-qatta kliem fieragħ,

U għiduli ftit min ħa ħsieb

l-għażla tad-drapp u t-tifsila ħbieb?

HAJJAT 1/2 Aħna Sire, f'idejna kienet. (jinxteħtu għarkobbtejhom)

Ir-RE jtaptpilhom fuq rashom fil-waqt li jtihom ħelwa.

RE U l-għażla tal-kuluri, f'idejn min kienet?

HAJJAT 3 (b'arja) F'idejja Majesta, għidli, għoġbitek?

RE (b'rabja) Xejn affattu, rasek barra se nqaccatlek. Suldat.

Jidħol SULDAT. Joħroġ lill-ĦAJJAT 3 iwerżaq.

ĦAJJAT 1 u 2 jibqgħu jimxu għarkobbtejhom wara r-RE

jistagħġbu w jgħidu Oh xi ġmiel, Oh x'għaxqa.

RE Tista' tkompli narratur,

ħa nħallik, ikolli mmur. (joħroġ)

NARRATUR Issa rħilu fil-palazz idur biha,

biex kulħadd jgħidlu, Xi ġmiel, Oh x'għaxqa fiha.

Kif rajtu, dan ir-Re jingħad sew dwaru,

mhux dejjem ħanin kien ma' ta' madwaru.

Xi ħelwa jew tnejn dejjem kienu jlaqqtu

dak li jagħmlulu xogħol tajjeb u f'waqtu.

Iżda msieken jaqtagħlhom rashom kien biss (tinstema' twerżiega)

dak li ma kinux ituh xogħol kif imiss.

Iwaddbu r-ras fuq l-istejġ; NARRATUR jiġborha.

Meta fl-Imperu rewwixta kienet tqum,

Hadd lir-Re tagħna ma kien ilum.

'Mma meta jmorru biex ikellmuh,

Ma taqtgħux, fejn taħsbu kienu jsibuh?

Quddiem il-mera, jipprova libsa ġdida,

jitkessaħ u jippoża, kemm għadu jridha.

Ir-RE jaqsam l-istejġ b'mera f'idu; SULDAT warajh.

SULDAT Imma Sire, qed ixewxu kontriek,

hemm klikka tgħidx kemm hi mgħaddba għalik,

taxxi ma tridx tħallas iżjed, ballec,

għax qalet li mhux sew tberbaq kollox fil-ħwejjeġ.

RE Ma rridx nisma', din mhux biċċa tiegħi,

Kull ħaġa li tiġri nsibkom miegħi,

Aqbduhom, oqtluhom, agħmlu li tridu bihom,

Iġbor ftit suldati, u mur għalihom.
Hemm bżonn tiġu għandi għal parir?
Jidħol SEFTUR.

SEFTUR — Sire, waslitlek libsa ġdida tal-ħarir.
Joħorġu kollha.

NARRATUR — Imm'iss'ej' nitbiegħdu ftit minn haw',
u mmorru sas-suq biex flimkien naraw,
min qiegħed jixtri, min qiegħed ibigħ,
min qiegħed jisloħ għal aktar qliegħ.
Waqt li jkun qed jitkellem in-NARRATUR jibdew deħlin 2 BEJJIEGĦA u ftit NIES biex jixtru. In-NIES jixtru.

BEJJIEGĦ 1 — Qegħdin imorru b'xejn. Xbihat tar-Re maħbub tagħkom.
Fittxu ixtru u ma tiddiżappuntawx ruħkom.

BEJJIEGĦ 2 — Drappijiet kemm tridu.
Ixtru ħa jkollkom xi tħitu.
Drappijiet fini, prezzijiet ivarjaw.
Ersqu 'l quddiem ħalli taraw.

BEJJIEGĦ 1 — Minn hawn, pastizzi sħan.
M'hemmx dubju li jżommuk ferħan.
Pastizzi fil-forma rjali tar-Re.
jinżlulek għasel ma' daqsxejn te.

BEJJIEGĦ 2 — Ixtru llum qabel għada,
kabocci, basal jew kilo patata.

BEJJIEGĦ 1 — Badges, keychains, ritratti.
Statwetti, inkwadri, wkoll platti.
Kull ma tinħtieġu biex iżżejnu,
Kollox b'irħis m'għandkomx bżonn tiddejnu.

BEJJIEGĦ 2 — Ejjew ixtru u 'l ħbiebkom ġibu.

Kulma tridu, minn hawn issibu..

MARA 1 (lil MARA 2) Tgħid x'nagħmel, nixtri xi xbiha?

Wisq nibża' li r-raġel jitfagħni 'l barra biha.

Qalli d-dar kollha qed tfur bihom.

Dalwaqt jaħraqhom kollha u jarmihom.

MARA 2 (lil MARA 1) Jien tieghi, tgħidx kemm jogħġbuh.

Jekk nixtri ieħor żgur jgħidli ndendluh.

Fil-kcina biss m'għandniex wieħed ....

NARRATUR Kif qed taraw din marda tittieħed.

Mhux biss l-Imperatur baħnan,

iżda l-poplu sħiħ bix-xejn ferħan.

Imm'issa ħallina minn dana,

Ejjew inkomplu bl-istorja tagħna.

Il-BEJJIEGĦA u n-NIES jibqgħu fil-background. Imbagħad jibdew joħorġu ftit ftit fix-xena l-oħra.

Jidħlu żewġ BRIGANTI.

Mela darba nqalgħu żewġ briganti.

Xejn ma kellhom dehra ta' negozjanti.

(jgħajjat) Ha ngħidilkom ftit dawn għalfejn tfaccew.

Biex jisolħu flus ir-Re, għalhekk ġew.

BRIGANT 1 Bil-mod, mela fi ħsiebek tgħidilhom kollox.

BRIGANT 2 U għalfejn qed tgħajjat, mel'ħsibtna torox.

NARRATUR joħroġ.

BRIGANT 1 Ajma kif inħossha waqgħet fuqi l-għajja.

BRIGANT 2 Mhux bil-fors, mel'insejt kemm ilna tilgħin tlajja'.

BRIGANT 1 Oħroġ il-mappa, hawn fejn ninsabu. (BRIGANT 2 jitnikker)

Ħaffef. M'għandniex ħin fiex nilagħbu.

BRIGANT 2 Stenna ftit. (joħroġ il-mappa) Naħseb wasalna.

(juri b'sebghu) Dak mhux il-palazz tar-Re maħbub tagħna.

BRIGANT 1 Hekk hu iss'ejja nieklu, iftaħ is-sorra.

BRIGANT 2 jiftaħ is-sorra, u jagħtih biċċa ħobż. Jieklu.

BRIGANT 1 Jaqq, din x'togħm'għandha, kemm hi morra.

BRIGANT 2 Dik biss għad fadal.

BRIGANT 1 Tieħu ħsieb xejn, mur ixtri ratal.....

BRIGANT 2 Biex? Il-borża tal-flus m'għadhiex iċċekċek.

BRIGANT 1 Tgħidlix hekk, għax rasi mill-ewwel tibda ttektek.

BRIGANT 2 (jirrejalizza li ma baqagħlhom xejn)
Ma baqa' xejn. X'inhu? Magħmula tagħna.
Ha mmutu bil-ġuħ. Min se jieqaf ftit magħna.

BRIGANT 1 Titlifx rasek ħabib,
li ma twaħħalnix kont tat-tabib.
Jeħtieġ naħsbu xi ħaġa (jaħsbu) Għax ma nsirux tallaba.

BRIGANT 2 Le, għax ma nilagħbuhomx, insiru lagħba.

BRIGANT 1 Mhux unur għalina.
Imbagħad kulħadd jibda jgħid bina.

BRIGANT 2 Allura għax ma nisirqux 'l-kbarat,
Naf wieħed joqgħod 'l hawn, issa rtirat.
Biex ixaħħam lir-Re għandu flus, hux tassew,
Allura għalina m'għandu xejn, iss'hekk sew?

BRIGANT 1 Dażżgur li mhux sew, imma jekk jaqbduna,
żgur b'rasna jdurilna.
Mhux tajba biżżejjed.
(jgħajjat) Aħseb xi ħaġ'oħra mejjet.
Jaħsbu. Jippassiġġaw.

BRIGANT 1 Ħsibtha.

BRIGANT 2 (eċċitat) Għidli, għidli, tħallinix nistenna.

Forsi ma tafx kif b'li tghidli'nithenna.

BRIGANT 1 isefsiflu f'widnejh.

BRIGANT 2 Toghġobni, tajba. Żgur tirnexxi.

BRIGANT 1 Mel'imxi mmorru, suq, mexxi.

(Jiġbru l-affarijiet u jċorġu)

Tinstema' tahbita qisha fuq bieb. Jidhol GHASSIES, jaqsam.

GHASSIES Issa min inqala' dal-hin. (idahhalhom ġewwa)

Ghaddu 'l ġewwa, ġejtu ftit hin hażin.

Ma kontux tafu li r-Re jkun bhalissa

jipprova libsa ġdida, dabbru raskom issa.

BRIGANT 1 Imma sinjur, staqsejna.

Kulhadd l-istess qalilna, b'hekk qbadna w ġejna,

Ikun dejjem jipprova, f'kull hin tal-ġurnata ....

GHASSIES Imma llum mhux qieghed f'burdata

Ma jrid jara 'l hadd.

Tinstema' frosta ccaqcaq. BRIGANT 2 jaqbad ma' BRIGANT 1.

BRIGANT 2 Dik x'kienet, x'qatgha hadt.

RE (jinstema' lehnu minn barra)

Hudha ja kelb, ha nara kif taghmilli,

keffa qasira, fit-tarf bil-frilli.

Tridni nidher b'saqajn mikxufin,

Mel'trid kulhadd jghid kemm huma sufin.

BRIGANT 1 (imwerwer) Konna qed nahsbu, tghid nghaddu darb'ohra.

GHASSIES U le dalwaqt maghkom, stennewh minut'ohra.

RE (jidhol) X'ghandkom bżonn. Tkellmu. Tahlulix hin.

GHASSIES (jinghoġob) Sire ghidtilhom kemm ġew f'hin hażin.

BRIGANT 1 (jistaghġeb) Ghamilna Sire, elf sagrificcju.

BRIGANT 2 Tlaqna l-familja, ix-xoghol ta' l-ufficcju.

BRIGANT 1 Biex niġu għandek, ġejna mill-bogħod.

BRIGANT 2 (lill-BRIGANT 1) Tgħid ħa pjaċir bina, ajma x'nirtogħod.

BRIGANT 1 Kulħadd jaħseb fik.

BRIGANT 2 Min ma jafx bik.

BRIGANT 1 Oh Sire, kemm inħossuna kommossi,

RE (jgħajjat) Hawn kemm ġejjin b'mossi.

Tifħir għandi biżżejjed.

M'għandix bżonn iżjed.

Lesti? Iss'għiduli għalfejn ġejtu.

Tkellmu. Għidu li għandkom tgħidu.

(lill-BRIGANT 1) U int, jekk ġejt hawn tittallab għax-xogħol,

tista' ddawwar denbek u tieħu 'l sieħbek ukoll.

Tobba, kenniesa, sefturi, suldati,

bdiewa, fattigi, ank'avukati,

għandi iż-żejjed ....

BRIGANT 1 Ħajjata għandek biżżejjed?

RE Dawk kieku dejjem meħtieġa magħna.

BRIGANT 2 Aħna f'hekk ġejna noffrulek is-servizzi tagħna.

Il-BRIGANTI jagħmlu ftit kuraġġ. Iduru mar-RE.

BRIGANT 1 Aħna nissieġa, kapaċi drapp ninsġu

li lanqas l-artisti ma kapaċi jpinġu.

BRIGANT 2 U għaliex le, int forsi tistaqsi,

Ngħidlek għaliex, int żgur ma tafx daqsi.

Għax dad-drapp ma jistax jarah kulħadd ...

BRIGANT 1 Jistgħu jarawh dawk biss li fil-fatt

tixirqilhom il-posizzjoni tagħhom,

u dawk li m'għandhom xejn ħażin f'moħħhom.

RE X'inhu. Dan veru? Jien sewwa smajt?

Dan xi drapp hu, bħalu qatt ma rajt.

BRIGANT 1 Hekk hu Majesta.

BRIGANT 2 Jekk trid, ftit jiem oħra u l-libsa tkun lesta.

RE Morru, taħlux ħin, ħa tibdew tħitu.

(lis-SEFTUR) Ħudhom fil-kamra tal-ħjata, tihom li jridu.

Il-BRIGANTI jkunu sejrin, iduru; jinduna x'se jgħidulu.

U fuq ħlas serrħu raskom, tieħdu ħsieb xejn.

Naħseb sew fikom (iwaddbilhom borża) għandi ħafna minn fejn.

(lill-Udjenza) Issa nsir naf min kapaċi jaqdini

jew għandix min irid jitradini. (jidħak, ikun ħiereġ)

Jidħol GĦASSIES.

GĦASSIES Ġew ikellmuk Sire, l-uffiċjali l-ġodda.

Wieħed minnhom qallek kellu jqum mis-sodda.

RE Allura b'daqshekk? Għidilhom jgħaddu.

GĦASSIES (jgħajjat) L-Eċċellenza qalilkom li tistgħu tgħaddu.

Jidħlu 5 UFFIĊJALI ġodda. Huma minn pajjiżi differenti.

UFFIĊJALI Oh maħbub Re ~~tagħna~~, ġejna narawk.

Ġejna nuruk kemm nirrispettawk.

RE (lill-Udjenza) Mela mhux bħali għax ma tantx nafdakom.

Issa nkun naf xi ssarrfu, nassigurakom.

~~UFFIĊJALI~~ Ġibnilek magħna xi ħaġa żgħira,

il-but ckejken imma l-qalb kbira.

INDJAN Aċċetta Sire, dal-platt ross minn għandi.

ippreparat u mħawwar minn Għandi, ~~nnifsu~~.

RE Ħabat tajjeb għax għandi ġuħ (jibda jiekol)

Min għidtli ħawru, kemm ifuħ.

INDJAN ikun se jwieġbu.

RE Uffiċjal ta' l-ikel se naħtrek,

jekk f'kollox tobdini, m'hemmx bżonn infakkrek.

INDJAN Grazzi Majesta.

RE (lic-CINIŻ) Ersaq 'l hawn int, mel'ħsibt għandi l-pesta.

CINIŻ (jersaq) Xejn minn dan, nibża' biss li jaħrabli,
l-għasfur li ġibtlek (joffrihulu)

RE Oh xi ħsieb nobbli.
Dan għandu xi garanzija.

CINIŻ Iva, li kull fil-għodu jkantalek l-Ave Marija.

RE Trid tgħid iservi ta' żvinjarin?

CINIŻ Hekk hu Majesta, iqajmek fil-ħin.

RE Jekk l-affarijiet tagħmilli sewwa,
Ngħoddok b'wieħed minn ta' ġewwa.

CINIŻ Oh l-ferħ tiegħi ma nistax infisser.

RE (lill-AMERIKAN) Hemm x'ġibtli. Bil-mod li ma jaqax u jitkisser.

AMERIKAN Xommha ftit Sire, x'jidhirlek mir-riħa.

RE (ixommha) Togħġobni kemm tfuħ, fina dil-fwieħa.

AMERIKAN Ġejt biha all the way from New York.

RE New York? Ngħidlek is-sew ħsibtek xi Tork.
Nagħmlek uffiċjal tal-kosmetiċi.
Min imissu (it-TALJAN jersaq) Dan minn fejn ġie?

TALJAN Mill-Italja, għażiż Re kbir tiegħi.
Accetta dal-piccola regalo li ġibt miegħi. (jagħtihulu)

RE Bajda tad-deheb, din x'nagħmel biha, ħudha.

TALJAN Dik Sire, tista' tiħtlibes bħala misluta.

RE Togħġobni. Se npoġġik tieħu ħsieb it-tiġieġ,
kif ukoll tagħti xi pariri taż-żwieġ.
(lill-AFRIKANA) U fl-aħħarnett għandi lilek,
Għidli daqsxejn hemm x'għandek f'idek.

AFRIKANA Arnold Xejn. Kont se nġiblek xkubetta
iżda mbagħad kellimt naqra 'l Cetta
u qaltli li int kontra l-vjolenza
kulħadd hekk qalli, Eccellenza.

RE Tassew li qalulek imma xtaqt kelli mqar ... frosta,
Mhux ġejt b'idek vojta, kemm int tosta.

AFRIKANA tkun se tinfaqa' tibki.

RE Ma jimpurtax, tibki xejn, tibki xejn.
Is'isa, m'għandikx għalfejn.
Xorta waħda se ndaħħlek miegħi,
Xogħolok ikun tieħu ħsieb il-gwardarobba tiegħi.

AFRIKANA Grazzi Majesta.

RE U issa li dic-ckejkna laqgħa tagħna lesta
Nixtieqkom tħallu jumejn jgħaddu.
Imbagħad sal kamra tan-nissieġa għaddu
ħa taraw ix-xogħol jekk hux ġej sew.
Wara, nistenniekom mill-ġdid hawn ġew,
ħa tgħiduli x'rajtu.
Fhimtuni! Kollox smajtu.

UFFICJALI Iva Sire.

UFFICJALI joħorġu.

RE Issa jekk jimxi kollox sew
inkun naf min għandi ħmar hawn ġew.
Joħroġ jidħak.

Il-BRIGANTI jkunu qegħdin taparsi jħitu f'kamarthom.
Ikollhom biss labra w imqass.

BRIGANT 2 Ajma kemm inħossni għajjien.
Ili tlitt ijiem naħdem bla waqfien.

| | |
|---|---|
| BRIGANT 1 | Iss'ejja żommli naqra hawn, |
| | ħa nqassarlu l-keffa, tgħid biżżejjed s'hawn? |
| | BRIGANT 2 taparsi jżommlu. |
| BRIGANT 2 | U aqta', mhux xorta? Ma tagħmilx differenza |
| | la mhux se jaraha l-Eccellenza. (jidħku) |
| BRIGANT 1 | Imm'issa ftit ieħor u tkun lesta. |
| | X'aktarx qalu, se jilbisha għall-festa. |
| | Jieqfu mix-xogħol. Joqogħdu sieq fuq sieq jitgħażżnu. |
| BRIGANT 2 | Miskin se nsiru sinjuri minn fuq dahru, |
| | Imbecilli dar-Re għad irrid nara bħalu. |
| BRIGANT 1 | X'għad jonqosna nagħmlu fiha? |
| BRIGANT 2 | Xejn. Nistgħu naqbdu u mmorru biha. (jidħku) |
| | Jidħol in-NARRATUR. Isibhom iħarsu. |
| NARRATUR | Skużawni, jidher li f'xogħolkom mhux qed intellifkom |
| | Jekk jaqbadkom ir-Re tħarsu, ma taħsbux li jnittifkom. |
| | Għiduli naqra x'waqqagħkom fit-tentazzjoni |
| | li taqbdu din l-imbierka professjoni. |
| BRIGANT 1 | Ta' nissieġa jew briganti? |
| NARRATUR | Xorta waħda, t-tnejn importanti. |
| BRIGANT 2 | Mela darba .... (iħabbat il-bieb) X'waħda din, ġie xi ħadd jarana. |
| BRIGANT 1 | (lin-NARRATUR) Barra int. Tilħaq tintervistana. |
| | In-NARRATUR jersaq f'ġenb. kultant jidħak. |
| BRIGANT 1 | Għaddu 'l ġewwa, x'ġiebkom 'l haw' |
| INDJAN | Bagħatna r-Re biex niġu ftit naraw .... |
| CINIŻ | Ix-xogħol fuq il-libsa l-ġdida. |
| AMERIKAN | Haw it's going, jekk ġietx pulita. |
| | BRIGANTI jmorru jġibu l-libsa. Jifthuha beraħ biex jarawha. |

BRIGANT 1 Harsu w tgħaxxqu b'dil-ġmiel ta' libsa.

Araw qattx rajtu waħda bħalha s'issa.

BRIGANT 2 Idduru kemm idduru, taraw kemm taraw,

Ma ssibux bħalha, żgur kemm jien haw'.

L-UFFICJALI jħarsu ccassati.

BRIGANT 1 (jiskużaw rwieħhom) Forsi l-kuluri ma laqtukomx.

BRIGANT 2 Jew id-disinn u l-ħjata m'għoġbukomx.

TALJAN (waħdu) Dawn iridu jgħadduna biż-żmien,

Hawn ma qed nara xejn jien.

BRIGANT 1 (iddispjaċuti) Kif lanqas proset ħadd ma qalilna.

BRIGANT 2 Lanqas ħaqq ix-xogħol li swistilna.

AFRIKANA Jien, ngħid għalija,

Nħosskom tridu tgħaddu ż-żmien bija.

BRIGANT 1 (irrabjati) Imxi ngħidulu li m'għoġbithomx

Ejja mmorru. Ħallihom. Tkellimhomx.

BRIGANT 2 Bla tlaqliq immorru ngħidulu

li xogħol tajjeb, qalulna, mhux qed nagħmlulu.

BRIGANTI jkunu se joħorġu.

INDJAN Imma fejn qegħda, fejn.

Jien ma qed nara xejn.

ĊINIŻ (lill-UFFICJALI) Mel'qed tmorru minn għajnejkom Sinjuri.

Biss biss, ħarsu naqra lejn il-kuluri.

(aktar bil-mod) Bħaħen stagħġbu, għidulhom kemm għoġbitkom

kemm ġiet sabiħa u kemm għaxxqitkom.

Għax b'rasna jdur jekk immorru

Għand ir-Re igorru.

AMERIKAN Jien naħseb you did a pretty good job.

Bla dubju dil-libsa r-Re żgur se jkun iħobb.

| | |
|---|---|
| TALJAN | (johrog borża tal-flus u jaghtihielhom) |
| | Anzi biex kemm għoġobni x-xogħol nurikom |
| | dil-borża flus nixtieq nagħtikom. |
| | BRIGANT 1 jiftaħ il-borża u jkemmex xufftejh. |
| BRIGANT 1 | Daqshekk biss tistmawh xogħli? |
| | Dawn ma jservux, illum kollox għoli. |
| | TALJAN iħares lejn l-oħrajn bic-ciera. L-UFFICJALI l-oħra joħorġu borża flus u jagħtuhielhom kontra qalbhom. |
| AFRIKANA | Ta' dina l-libsa oriġinali |
| | Se nagħtikom kull sold li baqagħli. |
| INDJAN | Accettaw minn għandi dil-borża wkoll |
| | u mill-ġdid proset ta' dan ix-xogħol. |
| CINIŻ | Tinsewx issa lir-Re tgħidulu |
| | Kemm lilna għoġobna x-xogħol li ħittulu. |
| BRIGANT 1 | Rajnieha qalbkom u ta' dan nirringrazzjawkom |
| BRIGANT 2 | U nwegħdukom li kelma tajba mar-Re ngħaddulkom. |
| | Jidħol is-SEFTUR tar-Re. |
| SEFTUR | L-Eccellenza tiegħu ir-Re nnifsu. |
| | Kulħadd iżomm 'il bogħod biex ħadd ma jirfsu. |
| RE | (huwa w dieħel) Kif intom sejrin fix-xogħol? |
| | (jara l-UFFICJALI) Ara, mel'intom hawn ukoll. |
| AMERIKAN | Iva Majesta, ġejna narawha ftit. |
| TALJAN | Biex tħares lejha seba' għajnejn trid. |
| AFRIKANA | Għandha kuluri jġennuk |
| INDJAN | U disinji jħolluk. |
| CINIŻ | Li kont minnek inżanżanha għall-festa. |
| AMERIKAN | I've never seen anything like it Majesta. |
| RE | (ferħan) Fejn hi qegħda ħa naraha. |

RE Ġibuha ftit ħa nippruvaha.

Il-BRIGANTI jmorru jġibu l-libsa. Jifthuha beraħ.

L-UFFICJALI jistagħġbu.

UFFICJALI Oh xi ġmiel! Oh x'għaxqa! Oh x'eleganza!

BRIGANT 1 X'jidhirlek Sire, laqtitek xejn?

Ilna fuqha aktar minn jumejn.

RE (lill-Udjenza) Jien xejn ma qed nara

Tgħid qiegħed nagħma?

Tgħid qed jgħaddini biż-żmien dal-brigant

jew forsi jien tassew stupidu u njorant.

Imma aħjar nagħlaq ħalqi għax jaqbduni

u malajr minn Re ineħħuni.

(lill-BRIGANTI) Eh proset proset. Lestejtuhieli bla dewmien

(jistagħġeb) Dak l-isfar u r-roża, kemm imorru flimkien.

BRIGANT 2 X'jidhirlek Sire, mill-ħajt li wżajna

Missu naqra ħa tkun taf xi xtrajna.

RE (ambarazzat, imissu) Mmm. Tassew ħajt sod u fin.

(lis-SEFTUR) Int hawn ma tgħid xejn ġbin.

SEFTUR (ilaqlaq) Tassew belħitni kif rajtha.

Imm'issa Sire mhux aħjar ippruvajtha.

RE Ma jistax ikun. Illum le.

Għax ftit ieħor għandi stedina għat-te.

Ir-RE jkun ħiereġ; l-UFFICJALI jduru miegħu, iżommuh.

UFFICJALI Ilbisha Majesta, ħa narawk biha.

Inża' l'għandek fuqek, neħħiha.

L-UFFICJALI jibdew ineżżgħuh. Ir-RE jispiċċa bil-ħwejjeġ ta' taħt. Il-BRIGANTI jersqu ħdejh biex ilibbsuh il-libsa l-ġdida.

| | |
|---|---|
| BRIGANT 1 | Żomm in-nifs 'il ġewwa Sire għax toftoqha |
| | li ma nispiccax nagħmillek xi roqgħa. |
| BRIGANT 2 | Tantx ticcaqlaq għax iccarratha. |
| | Kif qed tħossha, issikkata? |
| RE | Lanqas xejn. |
| | Qisu fuqi m'għandi xejn. |
| | Kulħadd jidħak. Ir-RE jaqbad żewġ boroż tal-flus u jagħtihom lill-BRIGANTI. |
| BRIGANT 1 | Grazzi ħafna Majesta. |
| RE | Mela l-lejla niltaqgħu fil-festa. |
| | Ir-RE jibqa' hiereġ, is-SEFTUR u l-UFFICJALI warajh. |
| | Il-BRIGANTI jiġbru l-boroż tal-flus u joħorġu l-aħħar. |
| | Jidħol NARRATUR. |
| NARRATUR | Issa li l-briganti xogħolhom temmew |
| | bil-flus dabbru rashom, b'kemm felħu ġrew. |
| | Deħrilhom li m'għamlux dnub mejjet |
| | la serqu 'l min għandu iżżejjed. |
| | Sadanittant fit-toroq tal-belt bdew jinġemgħu |
| | ħafna nies biex jaraw u jisimgħu. |
| | Jibdew deħlin in-NIES. |
| | Xjuħ, irġiel, tfal u nisa |
| | Dan kollu biex jaraw din l-imbierka libsa. |
| MARA 1 | Għandikun illum ir-Re se jżanżan xi libsa specjali. |
| MARA 2 | Jgħidu li tax-xogħol u d-drapp tgħidx kemm ħallas għali. |
| MARA 3 | Qaluli m'għandux oħra daqsha tispikka. |
| MARA 4 | Ħallas dawk il-flus kollha mhux bilfors li tkun rikka. |
| TIFEL | (jgħajjat) Hemm hu mama riesaq 'l hawn. |
| MARA 1 | (eccitata) Iv'hekk hu, arawh ġej 'l hawn. |

TIFEL (jgħajjat) Ma għidli naqra ftit għalfejn
Ir-Re tagħna m'hu liebes xejn.

MARA 1 Tgħajjatx ibni għax tinstema'
Tridha tgħid bina din il-ġemgħa.
Ir-RE jisimgħu. Jieqaf.

RE X'għidtli ibni, smajtek sew?

TIFEL Għidtlek li m'int liebes xej'.
Ir-RE jħares lejh innifsu. KULĦADD jiskot.

TIFEL (waqt li jidħak ħafna) Ajma żaqqi, ajma x'daħk
Ir-Re ħareġ bil-ħwejjeġ ta' taħt.
Kif jara lit-TIFEL jidħak bil-qalb, ir-RE jinfaqa' jidħak.
Ftit ftit KULĦADD jibda jidħak. Jibqgħu jidħku sa l-aħħar
imma meta jidħol in-NARRATUR u jibda jitkellem, ħadd ma
jibqa' jinstema'.

NARRATUR Mela sinjuri w tfal fl-Udjenza
Nispera li għoġobkom l-Eccellenza.
Issa qabel tmorru d-dar bil-kwiet
Nixtieqkom taħsbu ftit fis-skiet.
Ir-Re fl-aħħar intebaħ li daħku bih
U forsi b'daqshekk ma ħax għalih.
Isimgħu x'jidħak servietu lezzjoni.
U l-ħwejjeġ għalih ma baqgħux tentazzjoni.
Għalhekk tgħallmu minnu, temmnux kulma jgħidulkom
kulma jbellgħulkom, kulma jridukom.
Użaw moħħkom u aħsbu għalikom,
Tħallux min bil-ħmerijiet jagħmikom.
L-għodwa t-tajba.

Stage Props:

1) Tron.

2) bank / xkora.

3)

Brigant 1 — Xejn.

Brigant 2
1) Borża tal-flus vojta. F
2) Ħobża F
3) Imsella, C
4) Imqass, A
5) Ħorġa —
6) Mappa A

Ħajjata: Indjan Dress.
Imsella —
Imqass —
Mant għall-libsa tar-Re —

Bejjiegħa:
~~Tray bl-Imbarazz~~
1) Tray bil-pastizzi, keychains, rikatti C
2) Tray bil-ħoxix u drapp A

Uffiċjali:
1) Indjana — platt bit-twistees M
2) Amerikana — Fwieħa A
3) Afrikana — xejn —
4) Ċiniża — gaġġa — għasfur.
5) borża tal-flus. ② A

M

Taljana – bajdatod-Deheb – <u>kaxxa</u>

Re : ~~[illegible]~~

: Mant iswed Rikk. —

: Kettnu —

: Tgħita ħamor. —

: Libsa tal-ħarir — (ħamra)

: boroż tal-flus (2)

: Qmis kbira R

: Qalziet Bermuda. —

---

Għassies : Helmet —

Tgħita ħodor / mustard —

Lanza. —

<u>Mera</u> tal-idejn — Ch.

Mera. —

## Briganti

1 ~~qalziet mqammar~~
2 ~~qmis ikhira~~
3 ~~zandli~~

qaflа, zorra, bastun
borża tal-flus.

---

## Bejjiegħa

Maktur mar-ras
fardal ikhir

---

## Nisa

Dublett semplici
Blouse.
Maktur / xall fuq l-ispalla

---

## Uffiċjali

Kaftan (Annabel)
~~Kimono (Carmen)~~
~~Cowboy (Annabel)~~ sidrija
Taljana (Carmen) Dublett ahdar, sidrija tan
~~Afrikana (Annabel)~~ Libsa ikkulurita, parrokka

Re:

1 ~~Kostum bħal ġiddiel lila.~~

2 Kostum tal-ħajjata (coat) ✓

3 Mant. ✓

4 Kostum bħal ibiddel ✓

5 ~~Ħwejjeġ tal-tapit.~~

6 Kuruna Rjali ✓

7 borża tal-flus (pouch) ..

---

Ħajjata

Dublett.
blouse
sidrija

mqass
inch tape
labra u ħajta
thimble

---

Narratur Guard: ~~Kostum tas-Suldat~~
~~helmet, lanza, mera.~~
boots

Rdr: boroz kl. flus. / Kettra.

Am. boroz kal. flus.

Char. hand mirror.

Carm. boroz kal. flus.
qaġġa

Josianne mappa

---

tights ~~sweat~~
Qaġġa.